# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 68**

**Rikors numru 288/14/2 AF**

**Dr. John Vassallo**

**v.**

**L-Awtorità tat-Trasport f'Malta u l-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan għal kull interess li jista' jkollu**

**Preliminari:**

1. Din hija azzjoni magħmula mill-attur fis-7 ta' April 2014 taħt l-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward tar-rikategorizzazzjoni ta' parti minn triq Sant' Elija, San Ġiljan, bħala tajba għall-parkeġġ. Huwa talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili:

(i) tiddikjara li tali deċiżjoni għar-rikategorizzazzjoni tat-triq bħala tajba għall-parkeġġ (u kull deċiżjoni u ordni relattiva) tiġi dikjarata nulla billi ttieħdet arbitrarjament, illegalment u / jew mhux skont ir-regolamenti;

(ii) tiddikjara li mhux permess li jsir parkeġġ f'dik il-parti tat-triq skont id-deċiżjoni oriġinali fejn tali parti tat-triq kienet ġiet kategorizzata bħala mhux tajba għall-parkeġġ;

(iii) tordna lill-intimati jew min minnhom biex jieħdu passi biex tali parti tiġi senjata korrettament bħala mhux tajba għall-parkeġġ (*ossia* biex jitneħħew il-*parking bays*);

(iv) tagħti l-provvedimenti xierqa;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

2. Permezz ta' sentenza mogħtija fis-27 ta' Ġunju 2017 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet l-ewwel talba u astjeniet milli tieħu konjizzjoni tar-rimanenti talbiet peress li rriżultalha li l-mertu kien eżawrit.

3. L-attur ħassu aggravat b'tali deċiżjoni u għalhekk fis-17 ta' Lulju 2017 interpona appell quddiem din il-Qorti fejn talabha tirriforma s-

sentenza billi:

> *"…tirrevokaha in kwantu ċaħdet l-ewwel talba attriċi, akkollat l-ispejjeż lill-attur u laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tikkonfermaha in kwantu astjeniet milli tiddeċiedi t-tieni u t-tielet talba u minflok tilqa' l-ewwel talba attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-Awtorita` dwar it-Trasport f'Malta".*

4. Għall-intendiment aħjar ta' dan l-appell din il-Qorti qiegħda tirripproduċi s-sentenza appellata:

> "Il-Qorti:
>
> Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:
>
>> L-esponenti huwa residenti fid-dar "Lawrence House", St. Elias Street, San Giljan.
>>
>> Permess ta' decizjoni tal-Kunsill Lokali ta' San Giljan, li ttiehdet bil-kunsens tal-Awtorità tat-Trasport f'Malta, gie deciz illi parti mit-triq Sant Elia, San Giljan tigi indikata, senjalata u kategorizzata bhala triq fejn ma huwiex permess l-ebda parkegg ta' vetturi fiha u dana minhabba li t-triq hija dejqa u l-parkegg johloq riskju serju ghas-sahha u ghall-proprjetà.
>>
>> Din id-decizjoni giet implementata fil-21 ta' Awwissu 2013.
>>
>> Sussegwentement l-Awtorità intimata, b'decizjoni taghha, irtirat l-approvazzjoni taghha ghal din il-kategorizzazzjoni u ordnat li jerga' jigi permess il-parkegg ta' vetturi f'dik il-parti tat-triq. Liema decizjoni sussegwenti giet implementata fit-23 ta' Ottubru 2013.
>>
>> Id-decizjoni ghal rikategorizzata ta' dik il-parti tat-triq bhala permissibbli ghal parkegg ta' vetturi kienet wahda arbitrarja, illegali u ma ttiehditx fil-forom u skond kif provdut mir-regolamenti wara d-debita konsultazzjonijiet u fiz-zmien utili skond il-ligi biex tigi riveduta decizjoni tal-kunsill lokali, u ghalhekk hija irrita u nulla.
>>
>> Fi kwalsiasi kaz il-ftuh tat-triq ghall-parkegg tal-parti dejqa tat-Triq Sant'Elija tesponi lill-utenti u residenti tat-triq ghal riskji serji ghal inkolumita taghhom u tal-proprjetà taghhom u dan wahdu kellu jkun raguni sufficjenti biex dik id-decizjoni ma ttiehditx. Minkejja li l-intimati gew interpellati sabiex jirrevokaw din id-decizjoni irrita u nulla permezz ta' ittra ufficjali datata 169/14 huma baqghu inadempjenti u

ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi d-decizjoni fuq imsemmija sabiex parti mit-triq ta' Sant'Elia, San Giljan tigi dikjarata tajba ghal parkegg u kull decizjoni u ordni relattiva ghall-istess mill-intimati jew min minnhom irrita u nulla billi ttiehdet arbitrarjament, illegalment u/jew mhux fil-forom u skond kif provdut mir-regolamenti.

2. Tiddikjara ghalhekk illi f'dik il-parti tat-triq fuq indikata ta' Sant'Elia, San Giljan ma huwiex permess li jsir parkegg ta' vetturi skond id-decizjoni originali u valida tal-Kunsill Lokali kif implementata fil-21 ta' Awwissu 2013.

3. Tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex jehdu l-passi li dik il-parti tat-triq tigi senjata korrettement bhala mhux permess li jsir parkegg ta' vetturi.

4. Taghti dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Preliminarjament illi l-Kunsill eccipjenti ma huwiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza u ghandu jinheles mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-atturi.

Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-atturi naqqsu milli jindikaw id-data tad-decizjoni kontestata b'dan illi l-eccipjenti ma jistghux jiddeterminaw jekk effettivament din il-kawza gietx intavolata *fuori termine*. L-eccipjenti qeghdin jirrizervaw espressament id-dritt illi jintavolaw eccezzjonijiet ulterjuri dwar dekadenza u/jew preskrizzjoni hekk kif din id-data tkun konfermata mill-atturi.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu jigi dikjarat illi l-Kunsill ma ha ebda decizjoni u wisq inqas ezegwixxa xi decizjoni jew ghamel xi xogholijiet fit-triq in kwistjoni.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost u dejjem fil-mertu decizjonijiet dwar parkegg fit-toroq kif ukoll l-installazzjoni jew tnehhija ta' sinjali fit-toroq ma hijiex fil-kompetenza legali tal-Kunsill eccipjenti izda biss fl-Awtorità imharrka.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta li permezz tagħha eċċepiet illi:

> Preliminarjament, in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti sabiex tisma dawn il-proceduri, liema proceduri kellhom jigu intavolati quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ai termini tal-Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> Fil-mertu, id-decizjoni sabiex parti mit-Triq Sant'Elia, San Giljan tigi dikjarata tajba ghal parkegg hija wahda ragjonevoli u skond il-ligi, u mhux minnu li ttiehdet arbitrarjament, illegalment u/jew mhux kif provdut fir-regolamenti kif qed jigi allegat mill-attur.
>
> Salv eccezzjonijiet ohra permissibbli mill-ligi.
>
> Bl-ispejjez.

Rat id-dokument anness.

Rat is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti tas-7 ta' Jannar 2015 li permezz tagħha ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta' Diċembru 2015 li permezz tagħha ddikjarat l-appell tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta bħala irritu u null għax fuori termine u astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

Rat illi l-atti tal-kawża reġgħu ntbgħatu quddiem din il-Qorti sabiex jitkompla s-smiegh fil-mertu.

Rat illi minkejja li l-partijiet ingħataw il-fakoltà li jagħmlu s-sottomissjonijiet finali tagħhom bil-miktub, l-ebda parti ma ppreżentat is-sottomissjonijiet tagħha.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża għal stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv skont l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12). L-ewwel sub inċiż ta' dan l-artikolu jaqra hekk:

> *"(1) Ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi, il-qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta' xi egħmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-egħmil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet li ġejjin biss:*
>
> *(a) meta l-egħmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;*

*(b) meta l-egħmil amministrattiv ikun ultra vires għal xi raġuni minn dawn li ġejjin:*

*(i) meta dak l-egħmil jitwettaq minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; jew*

*(ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil; jew*

*(iii) meta l-egħmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;*

*(iv) meta l-egħmil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi".*

Il-prinċipji li jirregolaw kawża ta' din ix-xorta huma ormai sew stabbiliti fil-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati. Fil-każ fl-ismijiet **Lawrence Borg noe vs Gvernatur tal-Bank Ċentrali,** deċiża fl-1 ta' Marzu 2004, din il-Qorti diversament presjeduta rriteniet illi:

*"Illi llum huwa aċċettat li l-azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju msemmija fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija maħsuba biex tagħti rimedju lill-individwu dwar l-imġiba tal-awtorita' pubblika fil-konfront tiegħu. Is-setgħa li tingħata mill-imsemmi artikolu lill-Qorti fil-kompetenza tagħha ċivili dwar għemil amministrattiv hija jew (a) dik li tistħarreġ is-siwi ta' dak l-għamil jew (b) li tiddikjarah ma jiswiex jew mingħajr ebda effett. Dan tista' tagħmlu meta l-għemil jikser il-Kostituzzjoni jew meta jkun sar lil hinn mis-setgħa ta' min wettqu (ultra vires). F'din l-aħħar ipoteżi, dan l-eċċess ta' setgħa jista' jirriżulta meta l-att isir minn awtorita' pubblika li ma tkunx awtoriżżata twettqu, jew meta dik l-awtorita', għalkemm ikollha setgħa twettaq dak l-għamil, tkun naqset li tħares il-prinċipji ta' ġustizzja naturali jew ħtieġa proċedurali li tabilfors trid tħares qabel ma tasal għal dak l-għamil, jew jekk l-għamil jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa ta' dik l-awtorita' billi jsir għal xi għan mhux xieraq jew fuq konsiderazzjoni irrilevanti, jew meta dak l-għamil imur b'kull mod ieħor li jkun kontra l-liġi. Bil-kelma "għamil", il-liġi tifhem ukoll ċaħda jew rifjut ta' talba li ssir minn persuna lil xi awtorita' pubblika".*

Intqal ukoll fl-istess sentenza:

*"Illi meta wieħed jitkellem dwar diskrezzjoni, wieħed tabilfors ikun qiegħed jara sitwazzjoni fejn trid issir għażla bejn iżjed minn linja waħda ta' azzjoni. Jekk m'hemmx għażla ta' iżjed minn triq waħda, allura wieħed ma jitkellimx dwar diskrezzjoni imma dwar dmir. F'dan il-kuntest, il-Qorti tħoss li għandha tiċċita din is-silta li hija minn xogħol ewlieni f'dan il-qasam u li, fil-fehma tagħha, tfisser b'mod ċar il-perm kollu tal-istħarriġ li hija mitluba tagħmel f'din il-kawża. Ingħad illi "To say that somebody has a discretion presupposes that there is no uniquely right answer to his problem. There may, however, be a number of answers that are wrong in law. . . . . The exercise of a discretion may be impugned directly or indirectly. The indirect method of challenge is the more common. A*

> *person aggrieved by the exercise of a discretionary power may, instead of attacking the merits of the exercise of the discretion, contend that the repository of the discretion has acted without jurisdiction or 'ultra vires' because of the non-existence of a state of affairs upon which the validity of the exercise of the discretion depends. Or he may contend that the repository of the discretion has failed to observe the rules of natural justice (if they are found to be applicable) or other essential procedural requirements. If his contentions are successful, the court will hold the discretionary act to be invalid, and the fact that the true reason for instituting proceedings will have been his dislike of the manner in which the discretion itself was exercised is not a valid objection to the proceedings. . . . . The crucial question, however, is: In what circumstances and to what extent will the courts review the merits of the exercise of a statutory discretion which is neither made subject to appeal nor limited by the express provisions of a statute? The courts have repeatedly affirmed their incapacity to substitute their own discretion for that of an authority in which the discretion has been confided".'*[1]

L-attur qiegħed jitlob lill-Qorti tissindika d-deċiżjoni meħuda mill-Awtorità intimata li permezz tagħha irtirat l-approvazzjoni sabiex parti dejqa minn Triq Sant Elia, San Ġiljan, tiġi kategorizzata bħala triq fejn mhuwiex permess parkeġġ ta' vetturi u ordnat illi jerġgħu jsiru l-*parking bays* f'din il-parti tat-triq. Dan għaliex huwa jsostni li din id-deċiżjoni kienet waħda arbitrarja, illegali u ma ttieħditx fil-forom u skont kif provdut mir-regolamenti wara d-debita konsultazzjoni u fiż-żmien utili skont il-liġi biex tiġi riveduta deċiżjoni tal-Kunsill Lokali, u għalhekk hija waħda irrita u nulla.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attur huwa residenti fi Triq Sant Elia, San Ġiljan. Wara talba mir-residenti ta' din it-triq in segwitu għal diversi inċidenti fejn ambulanzi ma setgħux jgħaddu minħabba vetturi legalment ipparkjati fil-parking bays, il-Kunsill Lokali intimat iddeċieda li l-parti dejqa ta' Triq Sant Elia għandha tiġi indikata, senjalata u kategorizzata bħala triq fejn mhuwiex permess l-ebda parkeġġ ta' vetturi. Il-Kunsill Lokali ottjena l-permess tal-Awtorità intimata li permezz ta' ittra datata 11 ta' Diċembru 2012 bgħatet tinforma lill-Kunsill intimat illi m'għandhiex oġġezzjoni għat-tneħħija tal-parkeġġ in kwistjoni dment li dan isir skont ir-regolamenti. Din l-ittra kienet iffirmata mill-Perit Audrey Testaferrata de Noto li ddikjarat ukoll illi fl-approvazzjoni tagħha għat-talba tal-Kunsill, l-Awtorità kienet qiegħda tillimita l-involviment tagħha sabiex tiżgura li t-talba kienet evalwata skont il-linji gwida tekniċi u *policies* stabbiliti mill-Awtorità skont il-Kap. 499 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fl-20 ta' Awwissu 2013 il-Kunsill irċieva ittra ffirmata minn diversi residenti f'San Ġiljan li lmentaw dwar il-parkeġġ mitluf. Ftit tal-ġimgħat wara, l-Awtorità intimata, irtirat l-approvazzjoni tagħha għal din il-kategorazzjoni b'dan illi għal darb'oħra saru l-parking bays f'din il-parti tat-triq. Din id-deċiżjoni ġiet implementata fit-23 ta' Ottubru 2013. L-

[1] DeSmith & Evans Judicial Review of Administrative Action, 4a. Ediz. (1980) paġna 278-9.

Awtorità intimata spjegat illi l-approvazzjoni tagħha sabiex jitneħħa l-parkeġġ kienet ingħatat abbażi ta' kejl żbaljat u l-approvazzjoni ġiet irtirata meta reġgħet tkejlet it-triq mill-ġdid u nstab illi kienet wiesa biżżejjed sabiex tippermetti parkeġġ kif ukoll il-passaġġ ta' vetturi.

Jirriżulta li maż-żmien kienu seħħew diversi inċidenti fejn vetturi ta' emerġenza ma setgħux jaslu sad-destinazzjoni tagħhom minħabba vetturi pparkjati fil-parti d-dejqa ta' din it-triq. Fosthom, seħħ inċident fejn wire tad-dawl inqata' u kellu jibqa' mikxuf għal diversi siegħat b'periklu kbir għar-residenti, għaliex minkejja li rappreżentanti tal-Korporazzjoni Enemalta waslu fuq il-post fi ftit minuti, il-vettura tagħhom ma setgħetx tinżel mit-triq minħabba l-vetturi pparkjati.

Permezz ta' *e-mail* datata 16 ta' Ottubru 2013 indirizzata lill-Kunsill Lokali intimat, il-perit Testaferrata de Noto rriteniet illi l-posizzjoni tal-Awtorità kienet ċara u li d-deċiżjoni oriġinali fejn approvat it-tneħħija tal-*parking bays* kienet riżultat ta' informazzjoni ħażina dwar il-wisa' tat-triq in kwistjoni. Mill-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet qabel ġiet intavolata din il-kawża, jirriżulta li l-Awtorità intimata kienet lesta li tiltaqa' mal-Kunsill intimat dwar il-kwistjoni. Madanakollu ma jirriżultax mill-provi jekk qattx seħħet din il-laqgħa u jekk seħħet, x'kien l-eżitu tagħha.

Fil-mori tal-kawża, u ċioè fit-22 ta' Marzu 2015, seħħ inċident ieħor li ġie rrapportat fuq ġurnal lokali l-għada, fejn għal darb'oħra, ambulanza ma setgħetx tinżel mill-parti d-dejqa ta' Triq Sant Elia sabiex tilħaq id-dar ta' resident li kellu bżonn kura medika, minħabba vetturi pparkjati. Is-sindku tal-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan kiteb ittra lill-editur tal-ġurnal li fih ġie rraportat il-każ, liema ittra ġiet ippublikata fis-26 ta' Marzu 2015, fejn iddikjara li l-Kunsill Lokali ma kienx favur il-parking bays fil-parti tat-triq in kwistjoni. Ftit ġranet wara, fit-2 ta' April 2015, l-Awtorità intimata bgħatet tinforma lill-Kunsill intimat illi ma ssibx oġġezzjoni li dik il-parti tat-triq terġa tiġi kategorizzata bħala triq fejn mhuwiex permess il-parkeġġ u għal darb' oħra reġgħu tneħħew il-*parking bays.*

Il-Kunsill intimat laqa' għat-talbiet attriċi billi preliminarjament eċċepixxa li mhuwiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet attriċi. Din il-Qorti ssib illi din l-eċċezzjoni hija tajba in kwantu li minn imkien ma jirriżulta li d-deċiżjoni li jilmenta dwarha l-attur ittieħdet mill-Kunsill Lokali intimat li fil-fatt dejjem baqa' favur li jitneħħew il-*parking bays* in kwistjoni.

Fil-mertu, l-Awtorità intimata teċċepixxi li d-deċiżjoni sabiex parti minn Triq Sant Elia, San Ġiljan, tiġi dikjarata tajba għal parkeġġ hija waħda raġjonevoli u skont il-liġi, u li mhux minnu li ttieħdet arbitrarjament, illegalment u/jew mhux kif provdut fir-regolamenti kif qed jiġi allegat mill-attur.

L-attur ma jispeċifikax taħt liema disposizzjoni tal-artikolu 469A qiegħed jibbaża l-pretensjonijiet tiegħu. Madanakollu, mill-atti tal-kawża din il-Qorti jirriżultalha li l-attur qiegħed jibbaża t-talbiet tiegħu fuq is-sub inċiż

(1)(b)(iii) u (1)(b)(iv) u ċioè li d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata kienet waħda ultra vires għaliex tikkostitwixxi abbuż ta' setgħa tal-awtorità pubblika billi saret għal għanijiet mhux xierqa jew imsejjsa fuq konsiderazzjonijiet irrelevanti, kif ukoll li din d-deċiżjoni hija kontra l-liġi. Dwar l-allegazzjoni li d-deċiżjoni tal-Awtorità kienet ultra vires għaliex arbitrarja, il-Qorti taghmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Tabib Dottor David Grixti Soler et vs Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku et** tal-10 ta' April 2015, fejn din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk:

> *"Illi f'dan ir-rigward, tajjeb li jingħad li "A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must, by the use of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably". Il-kejl tar-raġonevolezza jista' jitqies bħala l-mod kif egħmil amministrattiv ma jitħalliex ikun aġir arbitrarju jew kapriċċuż. Iżda jekk kemm-il darba jirriżulta li d-deċiżjoni amministrattiva taqa' fil-parametri tar-raġonevolezza, imbagħad il-Qorti ta' stħarriġ ma jifdlilha l-ebda setgħa li tindaħal fuq is-siwi ta' dik id-deċiżjoni jew tiddelibera dwar jekk kenitx taqbel magħha jew tiddeċiedi bħalha".*

Fis-sentenza ċitata Lawrence Borg noe vs Gvernatur tal-Bank Ċentrali, il-Qorti kompliet billi irriteniet:

> "*Biex jiġi assikurat li din id-diskrezzjoni kienet imwettqa, jeħtieġ li lill-Qorti jirriżultalha li dik l-awtorita' tassew qieset il-kwestjoni li kellha quddiemha, u li dan għamlitu mingħajr l-indħil tal-ebda ħaddieħor jew bla ma poġġiet lilha nnifisha f'qagħda fejn ma setgħetx jew irrifjutat li twettaq dik id-diskrezzjoni. Siewi wkoll li jiġi aċċertat li l-awtorita' mistħarrġa m'għamlitx dak li kienet espressament miżmuma milli tagħmel, jew jekk għamlitx xi ħaġa li ma kinitx awtorizzata tagħmel. Fuq kollox, l-awtorita' mistħarrġa trid tkun imxiet bona fide u qieset il-konsiderazzjonijiet rilevanti tal-każ. Dawn huma, fil-qosor, il-ġabra tal-kategoriji fid-Dritt Amministrattiv ta' nuqqas ta' eżerċizzju ta' diskrezzjoni u ta' eċċess jew abbuż ta' dak l-eżerċizzju".*

Mill-provi prodotti din il-Qorti ma jirriżultalhiex illi d-deċiżjoni li dwarha jilmenta l-attur hija ultra vires għaliex arbitrarja. L-Awtorità intimata għamlitha ċara li d-deċiżjoni tagħha ttieħdet abbażi tal-kejl tal-wisa' tat-triq. Minkejja li din il-Qorti għandha d-dubji tagħha dwar il-qisien applikati mill-Awtorità sabiex waslet għall-konklużjoni li t-triq hija wiesa biżżejjed sabiex tippermetti parkeġġ ta' vetturi u l-passaġġ ta' vetturi kbar bħal ma huma ambulanzi, tant illi wara li seħħ l-inċident tat-22 ta' Marzu 2015, l-Awtorità reġgħet tat l-approvazzjoni tagħha ħesrem sabiex jitneħħew il-*parking bays,* b'daqshekk ma jfissirx illi d-deċiżjoni tal-Awtorità kienet tikkostitwixxi abbuż ta' setgħa għaliex kienet deċiżjoni arbitrarja. Kien jispetta lill-attur li juri għas-sodisfazzjon tal-Qorti li d-deċiżjoni kienet ibbażata fuq għanijiet mhux xierqa jew kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti, xi ħaġa li naqas milli jagħmel.

L-attur jilmenta wkoll illi d-deċiżjoni tal-Awtorità kienet kontra l-liġi. Huwa jikkontendi li qabel ittieħdet id-deċiżjoni li tirtira l-approvazzjoni tagħha, l-Awtorità intimata kienet obbligata tikkonsulta mal-Kunsill intimat jew mar-residenti tat-triq. L-attur ikompli billi jgħid li peress li ma sarx hekk, l-aġir tal-Awtorità intimata huwa kontra l-liġi. L-attur jilmenta wkoll li l-kategorizzazzjoni tat-triq bħala waħda fejn huwa permess il-parkeġġ tikser il-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Għalkemm l-attur ibbaża r-rikors ġuramentat tiegħu fuq dan l-aspett ukoll, għal darb'oħra, ftit li xejn daħal fil-mertu tiegħu. Infatti ma ġie indikat l-ebda artikolu tal-liġi li kien jobbliga lill-Awtorità tikkonsulta mal-Kunsill jew mal-pubbliku, kif lanqas ma jirriżulta li l-kategorazzjoni in kwistjoni tikser xi liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Ċertament kien jinkombi fuq l-attur li la bbaża t-talbiet tiegħu fuq dan l-artikolu, jindika fejn l-egħmil amministrattiv imur kontra l-liġi.

Fuq din il-bażi, l-ewwel talba tal-attur qiegħda tiġi miċħuda.

Permezz tat-tieni u tielet talbiet tiegħu, l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara li parkeġġ fil-parti tat-triq in kwistjoni mhuwiex permess u sabiex tordna lill-intimati jneħħu l-*parking bays.* Kif diġà ntqal, jirriżulta li fil-mori tal-kawża l-Awtorita` intimata għal darb'oħra tat l-approvazzjoni tagħha sabiex f'dik il-parti tat-Triq Sant Elia, San Ġiljan, jitneħħew il-*parking bays,* kif effettivament sar. Isegwi għalhekk illi fir-rigward tar-rimanenti talbiet attriċi l-mertu huwa eżawrit.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt illi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Kunsill Lokali intimat u konsegwentement, tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju, tiċħad l-ewwel talba attriċi u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-rimanenti talbiet attriċi peress illi jirriżulta li l-mertu huwa eżawrit.

Spejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attur".

## <u>Rikors tal-appell tal-attur (17.07.2017):</u>

5. L-aggravji tal-attur, *in suċċint*, huma s-segwenti:

### (a) <u>L-ewwel aggravju</u>:

*in-nullita tad-deċiżjoni ta' Ottubru 2013 għaliex arbitrarja*

Jargumenta li wara li kien diġà ġie approvat mill-Awtorità li jitneħħa l-parkeġġ, ma setax jitħassar kollox mingħajr raġuni serja. Jgħid li tant kienet deċiżjoni arbitrarja li l-Awtorità konvenuta fl-ebda mument ma ppruvat tiġġustifikaha.

**(b) <u>It-tieni aggravju</u>:**

*żball fil-proċedura*

Jargumenta li l-Awtorità konvenuta kellha tuża l-istess proċedura ta' konsultazzjoni li kien sar oriġinarjament, dan partikolarment meta wieħed jikkonsidra li tali konsultazzjoni kienet intiża biex jiġi assigurat li r-residenti jkunu kollha aċċessibbli f'każ ta' emerġenza.

**(c) <u>It-tielet aggravju:</u>**

*l-ispejjeż ma kellhomx jiġu sofferti minnu*

Fit-tielet lok jgħid li l-ispejjeż għandhom jiġu sofferti minn min aġixxa frivolożament u arbitrarjament. Jgħid li l-fatt li fil-mori tal-kawża ttieħdet deċiżjoni ulterjuri biex jitneħħew l-effetti tad-deċiżjoni lamentata minnu proprju tikkonferma l-pożizzjoni tiegħu.

**<u>Risposta tal-appell tal-Kunsill Lokali ta' S. Ġiljan (11.08.2017):</u>**

6. Il-Kunsill konvenut wieġeb biex jgħid għaliex din il-Qorti għandha tiċħad l-appell tal-attur u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellant.

**<u>Risposta tal-appell tal-Awtorità għat-Trasport (21.08.2017):</u>**

7. L-Awtorità konvenuta wieġbet biex tagħti r-raġunijiet tagħha għaliex din il-Qorti għandha tiċħad l-appell tal-attur bl-ispejjeż kontrih.

**<u>Kronoloġija ta' fatti:</u>**

8. Qabel ma din il-Qorti tgħaddi biex tikkonsidra l-aggravji tal-attur ikun utli li ssir referenza kronoloġika għall-fatti li ppreċedew din il-kawża, u anke għall-fatti li seħħew wara:

**19.03.2012** <u>Ittra mibgħuta mill-attur</u> u żewġ residenti oħra ta' Triq Sant' Elija, S. Ġiljan lil Peter Bonello (is-sindku tal-<u>Kunsill Lokali ta' S. Ġiljan</u>) fejn talbuh biex il-parti d-dejqa ta' Triq Sant' Elija, S. Ġiljan issir mhux permissibbli għall-parkeġġ, peress li meta jkun hemm karozzi pparkjati hemm, ma jkunx possibbli għall-ambulanzi / *fire engines* li jgħaddu.

**11.12.2012** Il-Perit Audrey Testaferrata de Noto (minn Transport Malta) kitbet lill-Kunsill Lokali ta' S. Ġiljan fejn spjegat li:

> ***"…the Research and Development Unit finds No Objection for the removal of Parking Bays in Triq Elija, St Julians…."***

**20.08.2013** Petizzjoni magħmula lis-sindku tal-Kunsill Lokali ta' S. Ġiljan minn diversi residenti ta' Triq Sant' Elija fejn ilmentaw bil-fatt li ntilfu disa' (9) *parking bays* u fejn issuġġerew li l-ewwel żewġ (2) *parking bays* jibqgħu mneħħija imma r-rimanenti *parking bays* jerġgħu jsiru.

**10.09.2013** *Email* mill-Perit Audrey Testaferrata de Noto (minn Transport Malta) lill-Kunsill Lokali ta' S. Ġiljan (Executive Sec) fejn qalet hekk:

> *"Reference is made to the site inspection previously carried out by Transport Malta Consultant with the Mayor.*
>
> *Following the information provided, the removal of on-street parking bays was approved for this street. We have received complaints regarding the removal of such bays.*
>
> *A site inspection was again carried out from our end and the road is 4.3m wide.*
>
> *Hence this width is sufficient to allow for a minimum width parking bay of 1.8m whilst leave sufficient space for the passage of an ambulance or fire engine.*
>
> *Hence, kindly confirm if the council wishes to re-instate these parking bays 1.8m wide…."*

**29.09.2013** Ittra minn uħud mir-residenti ta' Triq Sant' Elija, S. Ġiljan lis-sindku tal-Kunsill Lokali ta' S. Ġiljan ikkomunikawlu t-tħassib tagħhom fir-rigward ta' petizzjoni li ġiet ippreżentata lill-istess Kunsill sabiex jerġa' kollox għal li kien (*ossia* biex f'dik il-parti tat-triq inkwistjoni jerġa' jkun permissibbli l-parkeġġ).

**14.10.2013** *Email* mill-Perit Audrey Testaferrata de Noto (minn Transport Malta) lill-Kunsill Lokali ta' S. Ġiljan (Executive Sec) fejn kitbet hekk:

> *"We understand that the council are not in favour of re-instating the on-street parking bays. Kindly note that although the road is narrow however it is sufficiently wide to allow for one-side on-street parking and for the passage of an emergency vehicle.*
>
> ***Hence kindly note that such bays will be reinstated from our end"***

**16.10.2013** *Email* mill-Perit Audrey Testaferrata de Noto (minn Transport Malta) lill-Kunsill Lokali ta' S. Ġiljan (Executive Sec) fejn kitbet hekk:

> *"Kindly note that we already held a meeting with the Mayor regarding this issue. Our position was clearly explained both in our previous email and also during the meeting where the council gave us its comments.*
>
> ***From our end these on-street parking bays were removed due to the incorrect collection of site data and hence such bays will be re-instated".***

**03.11.2013** Artikolu ppubblikat fil-gazzetta Times of Malta taħt l-intestatura "St. Elias Street in St Julian's" fejn l-awtur, ċertu Chris

Delicata wera d-diżappunt tiegħu "*at the decision taken by Transport Malta to re-introduce parking spaces at the upper part of St. Julian's.*"

**28.11.2013** *Email* mibgħuta mill-Perit Audrey Testaferrata de Noto minn Transport Malta lil Mariella Agius mill-Ministeru għat-Trasport u Infrastruttura (MTI) fejn infurmatha li:

> *"..the first time round the site measurements taken were incorrect and hence* ***our approval for the removal of such bays had to be withdrawn and the parking bays reinstated as they were originally.*** *However, we are prepared to start discussions afresh regarding this case and we have informed the St Julians Local Council accordingly by email date 22.11.13. We have not received feedback from the council".*

**21.01.2014** Ittra uffiċjali 169/14 li permezz tagħha l-attur interpella lill-konvenuti sabiex ineħħu d-deċiżjoni ta' rikategorizzazzjoni ta' parti minn Triq Sant' Elija, San Ġiljan, bħala li hija tajba għall-parkeġġ, u żammhom responabbli għal kull dannu li jista' jsofri

**07.04.2014 L-attur intavola l-kawża**

**22.04.2014** Risposta tal-Awtorità għat-Trasport għall-ittra uffiċjali 169/14 fejn wieġbet hekk:

> *"Huwa minnu li l-Awtorita` mittenti kienet preċedentement iddeċidiet illi ma tippermettix l-ipparkjar ta' vetturi fit-triq imsemmija. Madanakollu, l-Awtorita` reġgħet għamlet xi aċċertamenti u rriżultalha li preċedentement kienu ttieħdu qisien żbaljati b'dan illi t-triq kienet fil-verita` usa mill-qisien li oriġinarjament kienu rriżultaw lill-Awtorita`. Fid-dawl ta' din l-informazzjoni ġdida, l-Awtorita` ikkonkludiet li kellha treġġa' lura d-deċiżjoni oriġinali tagħha billi kienet imsejsa fuq qisien*

*żbaljati.*

*Għal kull buon fini u filwaqt li ttenni illi hija aġixxiet skont il-liġijiet u r-regolamenti, l-Awtorita` tavżak illi m'għandha ebda oġġezzjoni illi terġa' tiftaħ diskussjonijiet mal-Kunsill Lokali dwar din il-kwestjoni".*

**23.03.2015** Artikolu ppubblikat fil-gazzetta <u>*Times of Malta*</u> taħt l-intestatura <u>*"Ambulance delayed by parked cars*</u>" fejn ġie rapportat li l-karozzi pparkjati fi Triq Sant' Elija ostakolaw ambulanza milli taċċedi għad-dar ta' persuna anzjana li kienet qiegħda taqta' nifisha, u li eventwalment tali ambulanza kellha tgħaddi min-naħa l-oħra tat-triq u titla' bir-*reverse* kontra d-direzzjoni tat-traffiku biex tassisti lill-pazjent.

**26.03.2015** Ittra minn Peter Bonello (Sindku tal-Kunsill Lokali ta' S. Ġiljan) li ġiet ippubblikata fil-gazzetta <u>*Times of Malta*</u> taħt l-intestatura "<u>*Letters to the Editor*</u>", li taqra hekk:

*"I refer to article entitled "Ambulance delayed by parked cars" (March 23) referring to St Elia Street, in St. Julian's.*

*The Local Council of St. Julian's is not in favour of the parking bays in this street. These had, in fact, been reinstated by Transport Malta".*

**02.04.2015** Ittra mibgħuta mill-Perit Audrey Testaferrata de Noto lill-Kunsill Lokali ta' S. Ġiljan (Executive Sec.) fejn kitbet hekk:

*"Further to the letter to the Editor in the Times of Malta, it has been confirmed that the position of the Local Council is to remove the on street Parking Bays located in Triq Santa Elija.*

***Kindly note that Transport Malta finds no objection to remove such bays as per council decision".***

**<u>Konsiderazzjonijiet:</u>**

9. Għalkemm l-attur ma speċifikax taħt liema dispożizzjoni tal-**Artikolu 469A** kien qiegħed jibbaża l-pretenzjonijiet tiegħu, l-Ewwel Qorti qieset li effettivament kien qiegħed jibbażahom fuq is-subinċiż **(1)(b)(iii)** u **(1)(b)(iv)**:

> *"(1) Ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi, il-qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta' xi egħmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-egħmil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet li ġejjin biss:*
>
> *(a) meta l-egħmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;*
>
> ***<u>(b) meta l-egħmil amministrattiv ikun ultra vires għal xi raġuni minn dawn li ġejjin:</u>***
>
> *(i) meta dak l-egħmil jitwettaq minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; jew*
>
> *(ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil; jew*
>
> ***(iii) <u>meta l-egħmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;</u>***
>
> ***(iv) <u>meta l-egħmil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi</u>****".*

10. L-Ewwel Qorti rriżultalha li d-deċiżjoni lamentata mill-attur (fejn il-parti tat-triq inkwistjoni ġiet rikategorizzata minn waħda mhux tajba għall-parkeġġ għal waħda tajba għall-parkeġġ) ma kinitx arbitrarja għaliex l-Awtorità intimata għamlitha ċara li d-deċiżjoni kienet qiegħda tittieħed abbażi tal-kejl tal-wisgħa tat-triq. Għalkemm l-Ewwel Qorti stqarret li

kellha d-dubji tagħha kemm it-triq kienet fil-fatt wiesgħa biżżejjed biex tippermetti l-passaġġ ta’ vetturi bħal ambulanza meta jkun hemm vetturi pparkjati, tant li wara li l-inċident li ġie rapportat fil-gazzetta fejn ambulanza ma setgħetx tgħaddi l-Awtorità tat l-approvazzjoni biex il-*parking bays* jerġgħu jitneħħew, irriteniet li “*b’daqshekk ma jfissirx illi d-deċiżjoni tal-Awtorità kienet tikkostitwixxi abbuż ta’ setgħa għaliex kienet arbitrarja*.” Żiedet tgħid li kien jispetta lill-attur li jipprova li d-deċiżjoni kienet *“ibbażata fuq għanijiet mhux xierqa jew kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti*” ħaġa li ma għamilx. **Għalhekk sabet li ma kienx applikabbli l-Artikolu 469A(1)(b)(iii).**

11. Qieset ukoll li d-deċiżjoni lamentata mill-attur lanqas ma kienet kontra l-liġi. Għalkemm l-attur jikkontendi li l-Awtorità kellha tikkonsulta mal-Kunsill Lokali jew mar-residenti tat-triq, osservat li ma ġie indikat l-ebda artikolu tal-liġi li fil-fatt jobbliga lill-Awtorità biex tagħmel dan, kif lanqas ma jirriżulta li r-rikategorizzazzjoni inkwistjoni tikser xi liġijiet tal-Unjoni Ewropea. **Għalhekk sabet li lanqas ma kien applikabbli l-Artikolu 469A(1)(b)(iv).**

<u>**L-ewwel aggravju**</u>*:*

*l-“arbitrarjeta`” tad-deċiżjoni lamentata mill-attur*

12. L-attur fl-appell tiegħu jibqa' jsostni li d-deċiżjoni tal-Awtorità konvenuta kienet waħda arbitrarja, [ċjoè *ultra vires* għar-raġunijiet ikkontemplati taħt l-**Artikolu 469A(1)(b)(iii)**]. Jargumenta li wara li kien diġà ġie approvat li jitneħħa l-parkeġġ, ma setax jitħassar kollox mingħajr raġuni serja. Jgħid li tant kienet deċiżjoni arbitrarja li l-Awtorità konvenuta fl-ebda mument ma ppruvat tiġġustifikaha.

13. L-Awtorità konvenuta appellata tenfasizza li kien proprju wara li r-residenti tat-triq għamlu <u>petizzjoni</u> lill-Kunsill (fl-20 ta' Awwissu 2013) *in segwitu* għat-tneħħija tal-*parking bays* oriġinali, li hija għamlet *site inspection* u fid-dawl tal-qisien li rriżultawlha dehrilha li l-*parking bays* setgħu jiġu ripristinati. Tgħid illi *in segwitu* għall-petizzjoni setgħet faċilment issabbat saqajha u ma tikkonsidrax il-kontenut tal-petizzjoni, iżda minflok "*permezz tal-persuni tekniċi tagħha reġgħet għamlet perizja teknika fil-post illi minnha rriżulta illi l-wisgħa tat-triq kienet tassew tippermetti illi l-petizzjoni tintlaqa' u l-parkeġġi jiġu ripristinati.*" Issostni li bl-ebda mod ma mxiet b'mod arbitrarju jew kapriċċuż.

14. Din il-Qorti taqbel mal-pożizzjoni meħuda mill-Ewwel Qorti għaliex wara kollox jirriżulta li d-deċiżjoni meħuda mill-Awtorità ttieħdet abbażi tal-kejl tat-triq u tal-valutazzjonijiet tekniċi fir-rigward. <u>Dik kienet proprju l-ġustifikazzjoni tad-deċiżjoni</u>. Tajjeb jew ħażin, l-esperti tekniċi tagħha qiesu li ladarba t-triq kellha wisgħa ta' 4.3 metri, setgħu jsiru *minimum*

*width parking bays* (ċjoè *parking bays* li ma jkunux usa' minn 1.8 metri). Qiesu li fir-rimanenti spazju ta' 2.5 metri setgħu jgħaddu vetturi nkluż ambulanzi u *fire-engines* (ara *emails* tal-10 ta' Settembru 2013, 14 ta' Ottubru 2013, u 16 ta' Ottubru 2013 mibgħuta mill-Perit Testaferrata de Noto għal Transport Malta lill-Kunsill Lokali, *supra*).



Ritratt a fol 72

15. Evidentement il-kalkolazzjonijet li għamlu l-esperti tekniċi tal-Awtorità konvenuta abbażi tal-kejl tat-triq kienu żbaljati għaliex kif anke jidher mir-ritratt a fol 72 meħud f'Marzu 2015 (liema ritratt deher anke fl-Artikolu "*Ambulance delayed by parked cars*" fil-gazzetta Times of Malta), meta nqala' l-bżonn li taċċedi ambulanza minn Triq Sant' Elija, din ma setgħetx tgħaddi proprju minħabba l-vetturi pparkjati fil-*parking bays* li

kienu ġew ripristinati wara d-deċiżjoni lamentata mill-attur.

16. Madankollu għalkemm jista' jingħad li d-deċiżjoni tal-Awtorità kienet waħda pjuttost dilettanteska (speċjalment meta wieħed iqis li kif issostni l-Awtorità stess, hija l-awtorità kompetenti f'materja ta' toroq, u allura wieħed jistenna li tkun a konoxxenza tad-dimensjonijiet ta' vetturi ta' emerġenza) ma jfissirx awtomatikament li kienet ukoll arbitrarja. Ma jistax jingħad li d-deċiżjoni saret għall-għanijiet mhux xierqa, u lanqas li kienet imsejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti. Il-wisgħa tat-triq kienet il-konsiderazzjoni ewlenija li fuqha ġiet imsejsa d-deċiżjoni u din kienet konsiderazzjoni rilevanti anke jekk imbagħad irriżulta li l-kalkolazzjonijiet dwar jekk setgħux jgħaddu jew le vetturi ta' emerġenza kienu żbaljati. <u>Għaldaqstant ma jistax jingħad li d-deċiżjoni hija waħda arbitrarja li ammontat għall-abbuż tas-setgħa tal-Awtorità konvenuta</u>. Inoltre appena l-Awtorità saret taf bl-inċident tal-ambulanza li ġie irrapportat fil-gazzetta hija ma ħasbithiex darbtejn biex tirrettifika s-sitwazzjoni, tant li pront ikkomunikat mal-Kunsill Lokali ta' S. Ġiljan fejn infurmatu li ma ssibx oġġezzjoni li tali *parking bays* jerġgħu jitneħħew.

17. Għalhekk dan l-ewwel aggravju jirriżulta infondat.

**<u>It-tieni aggravju:</u>**

*żball fil-proċedura*

18. Fit-tieni lok l-attur jargumenta li qabel ma ħadet id-deċiżjoni li

jerġgħu jiġu ripristinati l-*parking bays*, l-Awtorità kellha tuża l-istess proċedura ta' konsultazzjoni li sar oriġinarjament. Jilmenta li l-Awtorità ħadet deċiżjoni li tirristrinġi l-aċċess ta' triq dejqa mingħajr ma għarblet sewwa jekk dan kienx ser iwaqqaf vetturi ta' emerġenza milli jaċċedu għar-residenzi li jinsabu fl-inħawi, *ossia* jekk dan kien fl-aħjar interess taċ-ċittadin.

19. Il-Kunsill Lokali fir-rigward ta' dan it-tieni aggravju jqajjem il-kwistjoni tal-interess ġuridiku. Jistaqsi: jekk l-effetti tad-deċiżjoni lamentata mill-attur tneħħew u l-parkeġġ m'għadux permess, x'interess ġuridiku fadallu li jipprova jissindika kif ittieħdet id-deċiżjoni? Rilevanti f'dan ir-rigward hija sentenza mogħtija riċentement minn din il-Qorti fl-10 ta' Ottubru 2023 fil-kawża fl-ismijiet "**Kamra tal-Periti et v. Awtorità tal-Ippjanar et",** każ intavolat taħt l-Artikolu 469A u rigwardanti ordni li permezz tiegħu l-Awtorità tal-Ippjanar awtorizzat it-twaqqigħ ta' bini magħruf bħala s-*SeaMalta*. Kienet qamet il-kwistjoni tal-interess ġuridiku *stante* li l-bini kien laħaq twaqqa'. L-Ewwel Qorti kienet enfasizzat li l-interess ġuridiku li nissel fl-atturi l-jedd li jiftħu l-kawża twieled mill-fatt li huma qegħdin jitolbuha tara jekk l-Awtorità tal-Ippjanar imxietx fil-parametri tas-setgħat mogħtija lilha mil-liġi; enfasizzat li dan l-interess tal-atturi sabiex jiġi mistħarreġ jekk l-affarijiet sarux sew kien għadu hemm, minkejja li l-ordni tat-twaqqiegħ tal-binja laħaq twettaq. Din il-Qorti fil-fatt kienet ikkonfermat tali pożizzjoni.

20. Għalhekk f'dan il-każ ukoll, il-fatt li l-*parking bays* tneħħew fil-mori tal-kawża, ma qatilx id-dritt spettanti lill-attur sabiex jitlob lil din il-Qorti tisħarreġ jekk id-deċiżjoni tal-Awtorità konvenuta kinitx waħda *ultra vires* jew le taħt l-Artikolu 469A tal-Kap. 12.

21. Stabbilit is-suespost, din il-Qorti ssib li dan it-tieni aggravju huwa infondat. Minkejja li l-attur qiegħed isostni li hemm żball fil-proċedura addottata mill-Awtorità konvenuta biex waslet għad-deċiżjoni tagħha, huwa ma ndika l-ebda artikolu tal-liġi, jew xi regolament jew *policy* li l-istess Awtorità naqset li ssegwi, u minflok kemm jgħid ġenerikament li naqset li tieħu deċiżjoni fl-aħjar interessi tas-saħħa u s-sigurtà taċ-ċittadini. Kien proprju għalhekk, fil-fatt, li l-Ewwel Qorti rriżultalha li lanqas ma kien hemm aġir *ultra vires* taħt l-**Artikolu 469A(1)(b)(iv).**

22. Għaldaqstant dan l-aggravju jirriżulta wkoll bla bażi.

**<u>It-tielet aggravju:</u>**

*spejjeż*

23. Finalment l-attur jargumenta li ladarba d-deċiżjoni lamentata minnu kienet nulla l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri m'għandux ibatihom hu, iżda

għandu jbatihom min aġixxa arbitrarjament. Jargumenta li l-fatt li fil-mori tal-kawża tneħħew il-*parking bays* jikkonferma l-pożizzjoni tiegħu.

24. Hawnhekk ukoll m'għandux raġun. Il-fatt li fil-mori tal-kawża tneħħew il-*parking bays* ma jfissrix li d-deċiżjoni lamentata minnu kienet waħda arbitrarja. Kif diġà ntqal *supra* fil-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti fir-rigward tal-ewwel aggravju, jista' jingħad li d-deċiżjoni kienet dilettanteska u żbaljata, iżda bl-ebda mod ma ġie pruvat li kienet waħda arbitrarja.

25. Isegwi għalhekk li ladarba l-ilment tal-attur mertu ta' dawn il-proċeduri huwa infondat għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' din il-kawża huwa stess.

**<u>Deċide:</u>**

26. Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell tal-attur u tikkonferma s-sentenza appellata *in toto.* L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-attur.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Joseph R. Micallef
Imħallef

Tonio Mallia
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm